MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## MARIO SCERRI

Seduta tat-28 ta' April, 2011

Talba Numru. 31/2010

Frederick sive Alfred u Pelagia konjugi Galea

vs

Felicity Merryfield

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fil-21 ta' Lulju 2010, li jaqra hekk :-

'Illi l-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lir-rikorrenti s-somma ta' elf u mitejn Ewro (€1,200), dovuti lilhom bhala danni kkagunati fl-appartament numru tnax (12) f'Belveder Court, fi Triq Hamri, Ghajnsielem, Ghawdex, per konsegwenza ta' ilma illi qed jigi mill-proprjeta' tal-intimata u dan skont kif jidher mic-certifikat tal-perit li qed jigi hawn anness u markat bhala dokument PG1, u dan kif jigi dettaljatament pruvat fil-mori tal-kawza.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti u tal-ittra interpellatorja datata 11 ta’ Settembru 2007, u tal-ittri ufficjali numri 639/09 u 212/10, u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuta.

Bl-ingunzjoni tal-konvenuta ghas-subizzjoni.’

Ra li l-konvenuta minkejja li giet debitament innotifikata bl-avviz tat-talba u bl-avviz tas-smigh, baqghet la dahhlet r-risposta u lanqas ma deheret biex tikkontesta t-talbiet tal-atturi ;

Sama’ l-provi ;

Ra l-atti kollha tal-kawza, u d-dokumenti esibiti ;

Ra li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza ;

Ikkunsidra :

Illi din hija kawza ghall-hlas ta’ danni fl-ammont ta’ elf u mitejn Euro (€1,200) li gew sofferti mill-atturi fil-fond proprjeta’ taghhom minhabba perkolazzjoni ta’ ilma tul medda ta’ zmien mill-fond attigwu proprjeta’ tal-konvenuta, u konsegwenza t’hekk giet ikkawzata hsara fil-hajt divizorju u fil-mili’ ta’ taht il-madum tal-appartament tal-atturi fi Triq Hamri, Ghajnsielem, Ghawdex ;

Qabel xejn irid jigi precizat li l-kontumacja ma hijiex ammissjoni izda opposizzjoni, u ghalhekk xorta l-atturi jridu jipprovaw il-pretensjoni minnhom vantanta sabiex tirnexxi l-azzjoni taghhom. Inghad li ‘l-istitut tal-kontumacja hu ntiz bhala fren biex irazzan l-atteggjament tal-kontumelja u disprezz da parti ta' min kien citat biex jersaq quddiem il-Qorti u jaghzel li jinjora tali ordni bla ma jkollu gustifikazzjoni xierqa. Il-kontumacja trid tkun kemm formali kif ukoll sostanzjali; l-assenza trid tkun kemm fl-atti kif ukoll fl-udjenza. Huwa manifest li assenza mill-atti trid tigi konfermata b'assenza bhallikieku huwa kontumaci - fis-sens pjen tal-kelma’ ....... ‘u l-kontumacja wahidha ma kellhiex titqies bhala ammissjoni tat-talba ta' l-attur da parti tal-konvenut izda kontestazzjoni ta' l-istess.

Ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dana ma jfissirx illi huwa abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domandi. Il-gudikant ghandu jezamina jekk it-talba hiex gustifikata indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut.' [Appell Inferjuri, **Fenici Insurance Agency Ltd. vs Paul Stoner et**, 22/11/2002; Qorti Tal-Appell, **Joseph Vella vs Pierre Cremona**, 10/10/2003] ;

Dan it-Tribunal fela bir-reqqa l-provi kollha li ressqu l-atturi. Jirrizulta mix-xhieda tal-Perit Godwin Sultana, li kienu nkarigawh l-atturi dwar din il-hsara li giet ikkagunata fil-proprjeta' taghhom, li l-hsara li kienet giet minnu riskontrata hija mifruxa ma' parti kbira mill-hajt divizorju fil-kuridur tal-appartament tal-atturi u taht il-madum. Din il-hsara tidher ukoll cara mir-ritratti li gew esibiti fl-atti mill-atturi. Ghalkemm il-perit baqa' ma stabbiliex il-kawza tal-perkolazzjoni tal-ilma minn naha tal-fond tal-konvenuta billi din baqghet qatt ma taghtu access ghal fond taghha, huwa palesi madanakollu li l-perkolazzjoni tal-ilma gejja minn naha tal-fond tal-konvenuta, liema kawza tal-hsara jidher li l-konvenuta baqghet ma ndirizzathiex, bil-konsegwenza li l-hsara ser tkompli tikber jekk il-konvenuta tibqa' ma ssibx rimedju mill-aktar fis possibbli ghal din il-kawza tal-hsara li kull ma jmur qeghdha kompli tikber u taggrava ruhha a detriment u pregudizzju serju tal-atturi ;

Illi m'hemmx dubbju li hija l-konvenuta li trid twiegeb ghal din il-hsara kollha, u huwa fl-interess taghha li l-hsara ma tkomplix tikber jekk ma tridx terga' tispicca rinfaccata b'kawza ohra ghall-hlas tad-danni ;

It-talba attrici ghall-ammont mitlub biex tissewwa din il-hsara kollha, timmerita ghalhekk li tigi milqugha ;

Wara li ra wkoll l-artikoli 9(2)(a) u 13(b) tal-Kap.380, u l-artikoli 1031 u 1032 tal-Kap.16 ;

Jiddeciedi ghaldaqstant billi jilqa' t-talba attrici, u jikkundanna lill-konvenuta li thallas lill-atturi s-somma ta' elf u mitejn Euro (€1,200), rapprezentanti spejjez li jridu jsiru mill-atturi biex tissewwa l-hsara sofferta minnhom fi hwejjighom kagun tal-perkolazzjoni ta' ilma mill-fond tal-

konvenuta, bl-imghaxijiet fuq din is-somma millum sal-effettiv pagament, u bl-ispejjez kollha gudizzjarji u legali bil-VAT, kontra l-istess konvenuta, inkluzi tal-ittri ufficjali numri 639/2009 u 212/2010.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------